MALTESE

FECCA
Federation of Ethnic Communities' Councils of Australia

# Għandek ideat dwar kif l-Aged Care Services (Servizzi tal-Kura tal-Anzjani) jistgħu jkunu aħjar għal nies minn sfond ta' migranti u refuġjati?

## Ir-Royal Commission into Aged Care Quality and Safety (Kummissjoni Rjali fil-Kwalità tal-Kura u s-Sigurtà tal-Anzjani trid tisma' mingħanek!



PROĠETT B'FONDI MID-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA TAL-GVERN AWSTRALJAN



# 1. X’INHI R-ROYAL COMMISSION INTO AGED CARE QUALITY AND SAFETY?

- F’Ottubru tal-2018, il-Gvern Awstraljan waqqaf ir-Royal Commission (Kummissjoni Rjali) biex tinvestiga kemm qegħdin iservu tajjeb organizzazzjonijiet u servizzi tal-kura lil nies anzjani (din hija magħrufa bħala kura tal-anzjani). Ir-Royal Commission hija indipendenti mill-Gvern.
- Ir-Royal Commission għandha tikseb kemm jista’ jkun possibbli informazzjoni dwar x’inhuma l-problemi, x’qed jaħdem sewwa, u ideat għall-bidliet fil-futur.
- F’Ottubru tal-2019, ir-Royal Commission ippubblikat rapport proviżorju li jiddeskrivi ħafna mill-problemi fil-kura tal-anzjani li n-nies qalulhom dwarhom.
- Issa jridu lin-nies jgħidulhom dwar l-ideat tagħhom biex itejbu l-kura tal-anzjani. Jekk għandek xi ideat, għandek tgħidilhom qabel it-**30 ta’ Ġunju 2020.**
- Ir-Royal Commission tipprovdi mbagħad rapport finali lill-Gvern Awstraljan sa Novembru tal-2020. Dan ir-rapport se jinkludi rakkomandazzjonijiet biex il-kura tal-anzjani titjieb għal kulħadd.
- Tista’ tiskeb aktar informazzjoni dwar ir-Royal Commission f’aktar minn 30 lingwa f’ https://agedcare.royalcommission.gov.au/about/Pages/other-languages.aspx

# 2. GĦALIEX HUWA IMPORTANTI LI NGĦID LIR-ROYAL COMMISSION DWAR KIF NAĦSIBHA DWAR IL-KURA TAL-ANZJANI?

- Ir-Royal Commission diġà semgħet li ħafna drabi hija ħaġa kkomplikata u diffiċli għal xi nies minn sfond ta’ migranti jew refuġjati, jew dawk li ma jitkellmux bl-Ingliż sewwa, biex isibu u jużaw servizzi tal-kura tal-anzjani.
- Semgħu wkoll dwar kif xi nies iħossu li xi organizzazzjonijiet ma jifhmux il-bżonnijiet kulturali jew reliġjużi tagħhom.
- Ir-Royal Commission issa trid nies minn sfond ta’ migranti jew refuġati jew il-familji u ħbieb tagħhom li jgħidulhom kif il-kura tal-anzjani tista’ tkun aħjar għalihom fil-futur.
- Ir-Royal Commission tifhem li xi nies li ma jitkellmux bl-Ingliż sewwa, jistgħu jsibuha diffiċli li jgħidulhom dak li jaħsbu.
- **Dan huwa għaliex ir-Royal Commission se tħallas għal interpreti jew tradutturi biex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom bil-lingwa tagħhom.**
- **Dan huwa ċ-ċans tiegħek biex tgħid dak li taħseb! Jekk ħafna nies jagħmlu dan, il-kura tal-anzjani tista’ tkun aħjar għal kulħadd.**



# 3. KIF NISTA' NGĦID LIR-ROYAL COMMISSION DWAR L-IDEAT TIEGĦI BIEX IL-KURA TAL-ANZJANI TKUN AĦJAR?

- Tista' taqsam l-ideat tiegħek bl-Ingliż jew **bil-lingwa tiegħek** bit-telefown, bil-miktub jew b'rekording għas-smigħ jew b'vidjow
- **M'għandekx għalfejn** tagħtihom l-isem, l-indirizz jew in-numru tat-telefown tiegħek. Trid tgħidilhom il-lingwa li titkellem, u jekk ma tridhomx li jippubblikaw id-dettalji tal-isem u/jew kuntatt tiegħek.
- Membru tal-familja jew ħabib/a jista' jgħinek. Tista' tgħidilhom ukoll dak li trid tgħid, u huma jistgħu jikkuntattjaw lir-Royal Commission għalik.



- Tista' ċċempel 1800 960 711.
- Ir-Royal Commission tipprovdilek interpretu jekk ikollok bżonn wieħed.
- L-interpretu jikteb bl-Ingliż dak li tgħid int. **Dan is-servizz huwa b'xejn.**
- L-interpretu jikkuntattjak aktar tard biex jikkonferma li d-dettalji li kitbu huma tajbin.



- Tista' tikteb ittra jew tibgħat email.
- L-informazzjoni tiegħek tista' tkun sempliċi u qasira.
- Tista' tikteb **bil-lingwa tiegħek.**
- Traduttur jaqleb bl-Ingliż dak li tikteb. **Dan is-servizz huwa b'xejn.**
- Tista' tibgħat l-istorja tiegħek
  - bil-posta lir- :
    Royal Commission, GPO Box 1151, Adelaide, South Australia, 5001
  - bl-email lill- :
    ACRCenquiries@royalcommission.gov.au
- Huma jgħidulek bil-lingwa tiegħek meta jkunu rċivew l-ideat tiegħek.



- Tista' ssib lil xi ħadd biex jirrekordjak bil-lingwa tiegħek (awdjo jew vidjow).
- Ir-rekording m'għandux ikun aktar minn 25MB. Jekk ikun itwal tista' tibagħtu f'diversi partijiet.
- Traduttur jaqleb bl-Ingliż dak li tkun għidt int. **Dan is-servizz huwa b'xejn.**
- Tista' tibgħat ir-rekording tiegħek
  - bl-email lill- :
    ACRCenquiries@royalcommission.gov.au
  - bil-posta lir- :
    Royal Commission, GPO Box 1151, Adelaide, South Australia, 5001
- Huma jgħidulek bil-lingwa tiegħek meta jkunu rċivew ir-rekording tiegħek.



Ir-Royal Commission tista' tpoġġi fuq il-websajt tagħha xi ideat li n-nies tgħidilha bihom.

- Tista' tgħidilhom jekk ma tkunx trid li jsir dan.
- Tista' tgħidilhom ukoll li jistgħu jpoġġu dak li tgħidilhom fuq il-websajt tagħhom, imma li ma jagħtux ismek.

**FTAKAR!**

Jekk għandek xi ideat, għandek tgħaddihom lir-Royal Commission qabel it-30 ta' Ġunju 2020.

Grazzi talli għent biex il-kura tal-anzjani tkun aħjar għan-nies kollha fl-Awstralja!

FECCA

FECCA National Office
Unit 1, 4 Phipps Close
DEAKIN ACT 2605

PO Box 344
CURTIN ACT 2605

T +61 02 6282 5755
E admin@fecca.org.au

**www.fecca.org.au**